

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2017/581****tal-24 ta' Ġunju 2016****li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-aċċess għall-ikklerjar fir-rigward ta' ċentri tan-negozjar u kontropartijiet ċentrali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar iswieg tal-istrumenti finanzjarji u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 35(6) u l-Artikolu 36(6) tiegħu,

Billi:

- (1) Sabiex tiġi evitata d-distorsjoni tal-kompetizzjoni, il-kontropartijiet ċentrali (CCPs) u ċ-ċentri tan-negozjar għandhom ikunu jistgħu jirrifjutaw talba għal aċċess għal CCP jew ċentru tan-negozjar biss meta jkun għamlu kull sforz raġonevoli biex jimmaniġġaw ir-riskju li jirriżulta mill-għoti ta' dak l-aċċess iżda jkun għad hemm riskju sinifikanti żejjed.
- (2) Skont ir-Regolament (UE) Nru 600/2014, jekk CCP jew ċentru tan-negozjar jiċħad talba għal aċċess, dan irid jagħti r-raġunijiet sħaħ għal dik id-deċiżjoni u dan jinkludi l-identifikazzjoni ta' kif ir-riskji rilevanti li jirriżultaw mill-għoti ta' aċċess ikunu, fis-sitwazzjoni partikolari, mhux maniġġabbli u li jkun għad hemm riskju sinifikanti żejjed. Mod xieraq kif isir dan huwa billi l-parti li tiċħad l-aċċess tiddeskrivi b'mod ċar il-bidliet fl-immaniġġar tar-riskji li jirriżultaw mill-għoti ta' aċċess, tiddeskrivi wkoll kif ikollha timmaniġġa r-riskju assoċjat mal-bidliet b'konsegwenza tal-għoti ta' aċċess, u tispjega l-impatt fuq l-attivitatiet tagħha.
- (3) Ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 ma jiddistingwix bejn ir-riskji sostnuti minn CCPs u dawk sostnuti minn ċentri tan-negozjar meta jagħtu aċċess u jinkludi l-istess kategoriji ġenerali ta' kundizzjonijiet li għandhom jitqiesu minn ċentri tan-negozjar u CCPs fil-valutazzjoni ta' talbiet għall-aċċess. Madankollu, minħabba n-natura differenti tal-attivitatiet tas-CCPs meta mqabbla maċ-ċentri tan-negozjar, ir-riskji li jirriżultaw mill-għoti ta' aċċess jistgħu fil-prattika jkollhom impatt differenti fuq is-CCPs u ċ-ċentri tan-negozjar, u għalhekk huwa meħtieġ approċċ li jiddifferenzja bejn is-CCPs u ċ-ċentri tan-negozjar.
- (4) Meta awtorità kompetenti tivvaluta jekk l-aċċess ikunx jhedded il-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieg jew jaffettwa ħażin ir-riskju sistemiku, għandha tqis jekk is-CCP jew iċ-ċentru tan-negozjar ikkonċernat ikollhomx proċeduri ta' mmaniġġar tar-riskju adegwati, inkluż fir-rigward tar-riskji operazzjonali u ġuridiċi, sabiex jiġi evitat li l-ftehim ta' aċċess joħloq riskji sinifikanti żejda li ma jkunux jistgħu jiġu mitigati għal partijiet terzi.
- (5) Il-kundizzjonijiet li skonthom għandu jitħalla l-aċċess għandhom ikunu raġonevoli u mhux diskriminatorji sabiex ma jipperikolawx l-għan ta' aċċess mhux diskriminatorju. Li jintalbu tariffi b'mod diskriminatorju sabiex jiġi skoraġġit l-aċċess ma għandux ikun permess. Madankollu, it-tariffi jistgħu jkun differenti għal raġunijiet oġġettivament ġustifikati, bħal meta l-ispejjeż biex jiġu implimentati l-arranġamenti ta' aċċess ikunu ogħla. Meta jagħtu aċċess, is-CCPs u ċ-ċentri tan-negozjar iġarrbu kemm spejjeż ta' darba, bħall-valutazzjoni tar-rekwiżiti ġuridiċi, kif ukoll spejjeż rikorrenti. Peress li l-ambitu tat-talba għall-aċċess u l-ispejjeż assoċjati biex jiġi implimentat il-ftehim ta' aċċess x'aktarx li jkun differenti għal kull każ, mhuwiex xieraq li l-allokazzjoni speċifika tal-ispejjeż bejn is-CCP u ċ-ċentru tan-negozjar tiġi koperta f'dan ir-Regolament. Madankollu, l-allokazzjoni tal-ispejjeż hija element importanti ta' ftehim ta' aċċess, u għalhekk iż-żewġ partijiet għandhom jispeċifikaw il-kopertura tal-ispejjeż f'dak il-ftehim.
- (6) Skont ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, CCP li tixtieq testendi n-negozju tagħha għal servizzi jew attivitatiet addizzjonali li mhumix koperti mill-awtorizzazzjoni inizjali għandha

<sup>(1)</sup> ĠUL 173, 12.6.2014, p. 84.<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repositurji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠUL 201, 27.7.2012, p. 1).

tippreżenta talba għal estensjoni tal-awtorizzazzjoni. Estensjoni tal-awtorizzazzjoni hija meħtieġa meta CCP jkollha l-intenzjoni li toffri servizzi tal-ikklerjar għal strumenti finanzjarji bi profil tar-riskju differenti jew li jkollhom differenzi materjali mis-sett ta' prodotti eżistenti tas-CCP. Meta kuntratt innegozjat f'ċentru tan-negozjar li CCP tkun tat aċċess għalih ikun fi klassi ta' strumenti finanzjarji koperti mill-awtorizzazzjoni eżistenti tas-CCP u għalhekk ikollu karatteristiċi tar-riskju simili għall-kuntratti diġà kklerjati mis-CCP, dan il-kuntratt għandu jitqies bħala ekonomikament ekwivalenti.

- (7) Sabiex jiġi żgurat li CCP ma tapplikax rekwiżiti diskriminatorji ta' kollateral u ta' proviżjonament ta' marġni għal kuntratti ekonomikament ekwivalenti nnegozjati f'ċentru tan-negozjar li jkun ingħata l-aċċess għas-CCP, kull bidla fil-metodoloġija tal-proviżjonament ta' marġini u fir-rekwiżiti operazzjonali fir-rigward tal-proviżjonament ta' marġni u l-innettjar applikata għal kuntratti ekonomikament ekwivalenti li jkunu diġà kklerjati mis-CCP, għandhom ikunu suġġetti għal rieżami mill-kumitat tar-riskju tas-CCP u jitqiesu bħala bidla sinifikanti għall-mudelli u l-parametri għall-fini tal-proċedura ta' rieżami stipulata fir-Regolament (UE) Nru 648/2012. Tali rieżami għandu jivvalida li l-mudelli u l-parametri l-ġodda ma jkunux diskriminatorji u jkunu bbażati fuq kunsiderazzjonijiet tar-riskju rilevanti.
- (8) Ir-Regolament (UE) Nru 648/2012 jimpedixxi d-distorsjonijiet fil-kompetizzjoni billi jirrikjedi aċċess nondiskriminatorju għas-CCPs li joffru kklerjar ta' derivattivi barra l-borża (OTC) lil ċentri tan-negozjar. Min-naħa tiegħu, ir-Regolament (UE) Nru 600/2014 jagħraf il-ħtieġa li jiġu introdotti rekwiżiti simili għas-swieq regolati. Minħabba li CCP tista' tikklerja kemm derivattivi nnegozjati barra l-borża kif ukoll derivattivi nnegozjati fuq borża, trattament nondiskriminatorju ta' kuntratti ekonomikament ekwivalenti nnegozjati f'ċentru tan-negozjar li jitlob aċċess għal CCP għandu jieħu kont tal-kuntratti rilevanti kollha kklerjati minn dik is-CCP, irrispettivament minn fejn ikunu negozjati l-kuntratti.
- (9) Notifika minn awtorità kompetenti rilevanti lill-kulleġġ tas-CCPs u lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) dwar l-approvazzjoni ta' arranġamenti tranżizzjonali għas-CCPs skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandhom isiru mingħajr dewmien żejjed sabiex awtoritajiet kompetenti rievanti oħra jkunu megħjuna jifhmu l-impatt li dan ser ikollu fuq is-CCP u kull ċentru tan-negozjar li jkun konness b'rabtiet sodi ma' dik is-CCP. In-notifika għandu jkun fiha l-informazzjoni kollha rilevanti meħtieġa biex ikun possibbli għall-kulleġġ tas-CCPs u għall-ESMA jifhmu d-deċiżjoni u biex tiżdied it-trasparenza.
- (10) Rekwiżiti ċari dwar it-tagħrif li għandu jingħata minn CCPs u ċentri tan-negozjar meta jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti u lill-ESMA li jixtiequ jibbenefikaw minn arranġamenti tranżizzjonali skont l-Artikoli 35 u 36 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandhom jikkontribwixxu għal applikazzjoni trasparenti u armonizzata tal-proċedura ta' notifika. Huwa għalhekk neċessarju li l-proċedura ta' notifika tinkludi formoli uniformi għan-notifiki sabiex ikunu possibbli Prattiki superviżorji konsistenti u uniformi.
- (11) Huwa importanti li jiġi evitat ir-riskju li ċentri tan-negozjar akbar jużaw metodi ta' kalkolu li jimminimizzaw l-ammont nozzjonali annwali tagħhom bl-għan li jibbenefikaw mill-mekkaniżmu ta' esklużjoni fakultattiva għad-dispożizzjonijiet tal-aċċess. Fejn hemm approċċi alternattivi ugwalment aċċettati biex jiġi kkalkulat l-ammont nozzjonali, l-użu tal-kalkolu li jagħti l-ogħla valur jgħin biex jiġi evitat dak ir-riskju. Il-metodi użati biex jiġi kkalkulat l-ammont nozzjonali għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandhom jippermettu lil ċentri tan-negozjar ġenwinament iżgħar, u li għadhom ma kisbux il-kapaċità teknoloġika li joperaw f'kundizzjonijiet ugwali mal-maġġoranza tas-suq tal-infrastruttura ta' wara n-negozjar, biex jagħmlu użu mill-mekkaniżmu ta' esklużjoni fakultattiva. Huwa importanti wkoll li l-metodi preskritti jkunu sempliċi u ċari sabiex jikkontribwixxu għal Prattiki superviżorji konsistenti u uniformi.
- (12) Huwa importanti li ċ-ċentri tan-negozjar ikunu konsistenti meta jikkalkulaw l-ammont nozzjonali tagħhom għall-finijiet tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 sabiex id-dispożizzjonijiet tal-aċċess ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod ġust miċ-ċentri tan-negozjar. Dan huwa rilevanti b'mod partikolari għal ċerti tipi ta' derivattivi nnegozjati fil-borża, innegozjati f'unitajiet, bħal btieti jew tunnelli.
- (13) Għal raġunijiet ta' konsistenza u sabiex ikun żgurat il-funzjonament bla xkiel tas-swieq finanzjarji, huwa meħtieġ li d-dispożizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament u d-dispożizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 600/2014 japplikaw mill-istess data. Madankollu, sabiex jiġi żgurat li s-CCPs u ċ-ċentri tan-negozjar ikunu jistgħu jibbenefikaw mill-arranġamenti tranżizzjonali stipulati fl-Artikolu 35(5) u fl-Artikolu 36(5) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, uħud mid-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament għandhom japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ tiegħu.

- (14) Id-dispożizzjonijiet f'dan ir-Regolament huma marbuta mill-qrib, billi jittrattaw ir-rifjut u l-ġhoti ta' aċċess għas-CCPs u ċ-ċentri tan-negozjar, inkluża l-proċedura għas-CCPs u ċ-ċentri tan-negozjar biex jagħżlu li ma jkunux marbuta bir-reqwiziti tal-aċċess stabbiliti f'dan ir-Regolament. Biex tiġi żgurata l-koerenza bejn daww id-dispożizzjonijiet, li l-biċċa l-kbira minnhom għandhom japplikaw fl-istess ħin, u biex tiġi ffaċilitata perspettiva komprensiva u aċċess kumpatt għalihom minn persuni suġġetti għal daww l-obbligi, ikun tajjeb li l-istandards tekniċi regolatorji meħtieġa mill-Artikolu 35(6) u l-Artikolu 36(6) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 jiġu inklużi f'Regolament wieħed.
- (15) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess mill-ESMA lill-Kummissjoni.
- (16) L-ESMA għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz ta' standards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit bl-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### KAPITOLU I

### AĊĊESS MHUX DISKRIMINATORJU GĦAS-CCPS U Ċ-ĊENTRI TAN-NEGOZJAR

#### TAQSIMA 1

#### *Aċċess mhux diskriminatorju għas-CCPS*

##### *Artikolu 1*

#### **Kundizzjonijiet dwar iċ-ċaħda tal-aċċess minn CCP**

1. CCP għandha tivvaluta jekk l-ġhoti ta' aċċess joħloqx xi wieħed mir-riskji speċifikati fl-Artikoli 2, 3 u 4 u tista' tiċħad l-aċċess biss jekk, wara li tkun għamlet kull sforz raġonevoli biex timmaniġġa r-riskji tagħha, is-CCP tikkonkludi li jkun hemm riskji sinifikanti żejda li ma jistgħux jiġu mmaniġġati.
2. Jekk CCP tiċħad l-aċċess, għandha tidentifika liema riskji speċifikati fl-Artikoli 2, 3 u 4 jirriżultaw mill-ġhoti tal-aċċess u tispjega għalfejn dawn ir-riskji ma jistgħux jiġu mmaniġġati.

##### *Artikolu 2*

#### **Ċaħda ta' aċċess minn CCP abbażi tal-volum antiċipat ta' tranżazzjonijiet**

CCP tista' tiċħad talba għal aċċess abbażi tal-volum antiċipat ta' tranżazzjonijiet li jirriżultaw minn tali aċċess biss fejn dan jirriżulta f'waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) id-disinn skalabbli tas-CCP jinqabeż sal-punt li s-CCP ma tkunx tista' tadatta s-sistemi tagħha sabiex jittrattaw il-volum antiċipat ta' tranżazzjonijiet;
- (b) il-kapaċità pjanata tas-CCP tinqabeż b'tali mod li s-CCP ma tkunx tista' tikseb il-kapaċità ulterjuri meħtieġa biex tikklerja l-volum antiċipat ta' tranżazzjonijiet.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

## Artikolu 3

**Ċaħda tal-aċċess minn CCP abbażi tar-riskju u l-kumplessità operazzjonali**

CCP tista' tiċħad talba għal aċċess abbażi tar-riskju u l-kumplessità operazzjonali.

Ir-riskji u l-kumplessità operazzjonali jinkludu xi waħda minn dawn li ġejjin:

- (a) l-inkompatibbiltà tas-sistemi tal-IT tas-CCP u taċ-ċentru tan-negozjar timpedixxi lis-CCP milli tipprovdi konnettività bejn is-sistemi;
- (b) nuqqas ta' riżorsi umani bl-għarfien, il-ħiliet u l-esperjenza meħtieġa sabiex iwettqu l-funzjonijiet tas-CCP dwar ir-riskju li jirriżulta minn strumenti finanzjarji addizzjonali fejn dawn ikunu differenti minn strumenti finanzjarji li diġà huma kklerjati mis-CCP jew l-inabbiltà li jintużaw dawn ir-riżorsi umani.

## Artikolu 4

**Ċaħda tal-aċċess minn CCP abbażi ta' fatturi oħra li joħlqu riskji sinifikanti żejda**

1. CCP tista' tiċħad talba għal aċċess fuq bażi ta' riskji sinifikanti żejda meta tkun issodisfata kwalunkwe waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

- (a) is-CCP ma tkunx toffri servizzi ta' kklerjar fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji li għalihom qed jintalab aċċess u ma tkunx tista' bi sforzi raġonevoli tniedi servizz ta' kklerjar konsistenti mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Titoli II, III u IV tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;
- (b) l-għoti ta' aċċess ikun jhedded il-vijabbiltà ekonomika tas-CCP jew il-kapaċità tagħha li tissodisfa r-rekwiżiti kapitali minimi skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012;
- (c) ikun hemm riskji ġuridiċi;
- (d) ikun hemm inkompatibbiltà bejn ir-regoli tas-CCP u r-regoli taċ-ċentru tan-negozjar li s-CCP ma tkunx tista' tirrimedja b'kooperazzjoni maċ-ċentru tan-negozjar.

2. CCP tista' tiċħad talba għal aċċess abbażi ta' riskju ġuridiku kif imsemmi fil-punt (c) tal-paragrafu 1, fejn bħala riżultat tal-għoti ta' aċċess, is-CCP ma tkunx tista' tinforza r-regoli tagħha rigward l-għeluq tal-proċeduri tal-innettjar u tal-inadempjenza jew ma tkunx tista' timmaniġġa r-riskji li jirriżultaw mill-użu simultanju ta' mudelli differenti ta' aċċettazzjoni tan-negozju.

## TAQSIMA 2

**Aċċess mhux diskriminatorju għaċ-ċentri tan-negozjar**

## Artikolu 5

**Kundizzjonijiet dwar iċ-ċaħda tal-aċċess minn ċentru tan-negozjar**

1. Ċentru tan-negozjar għandu jivvaluta jekk l-għoti ta' aċċess joħlqu xi wieħed mir-riskji speċifikati fl-Artikoli 6 u 7 u jista' jiċħad l-aċċess biss jekk, wara li jkun għamel kull sforz raġonevoli biex jimmaniġġa r-riskji tiegħu, iċ-ċentru tan-negozjar jikkonkludi li jkun hemm riskji sinifikanti żejda li ma jistgħux jiġu mmaniġġati.

2. Jekk ċentru tan-negozjar jiċħad l-aċċess, għandu jidentifika liema riskji speċifikati fl-Artikoli 6 u 7 jirriżultaw mill-għoti tal-aċċess u għalfejn dawn ir-riskji ma jistgħux jiġu mmaniġġati.

## Artikolu 6

**Ċaħda tal-aċċess minn ċentru tan-negozjar abbażi tar-riskju u l-kumplessità operazzjonali**

Ċentru tan-negozjar jista' jiċċad talba għal aċċess abbażi tar-riskju u l-kumplessità operazzjonali li jirriżultaw minn dan l-aċċess biss jekk ikun hemm riskju ta' inkompatibbiltà bejn is-sistema tal-IT tas-CCP u dik ta' ċentru tan-negozjar, li jimpedixxi li ċentru tan-negozjar milli jipprovi għall-konnettività bejn daww is-sistemi.

## Artikolu 7

**Ċaħda tal-aċċess minn ċentru tan-negozjar abbażi ta' fatturi oħra li jgħolqu riskji sinifikanti żejda**

Ċentru tan-negozjar jista' jiċċad talba għal aċċess abbażi ta' riskji sinifikanti żejda f'kull wieħed mill-każijiet li ġejjin:

- (a) theddida għall-vijabbiltà ekonomika ta' ċentru tan-negozjar jew għall-abbiltà tiegħu li jissodisfa r-rekwiżiti kapitali minimi skont l-Artikolu 47(1)(f) tad-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup>;
- (b) inkompatibbiltà bejn ir-regoli ta' ċentru tan-negozjar u daww tas-CCP li ċentru tan-negozjar ma jkunx jista' jirrimedja b'kooperazzjoni mas-CCP.

## Artikolu 8

**Kundizzjonijiet skont liema l-aċċess jitqies li jhedded il-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq jew jaffettwa negattivament ir-riskju sistemiku**

Minbarra l-frammentazzjoni tal-likwidità, kif definita fl-Artikolu 2(1)(45) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, għall-għanijiet tal-Artikoli 35(4)(b) u 36(4)(b) ta' dak ir-Regolament, l-għoti ta' aċċess għandu jitqies li jhedded il-funzjonament bla xkiel u ordnat tas-swieq, jew jaffettwa ħażin ir-riskju sistemiku, fejn l-awtorità kompetenti tkun tista' tipprovi r-raġunijiet għaċ-ċaħda, inkluża evidenza li l-proċeduri tal-immaniġġar tar-riskju ta' waħda mill-partijiet għat-talba għall-aċċess jew tat-tnejn li huma ma jkunux suffiċjenti biex jimpedixxu li l-għoti ta' aċċess joħloq riskji sinifikanti żejda lil partijiet terzi, u ma jkun hemm l-ebda azzjoni ta' rimedju li ttaffi biżżejjed daww ir-riskji.

## KAPITOLU II

**KUNDIZZJONIJIET SKONT LIEMA L-AĊĊESS IRID IKUN PERMESS**

## Artikolu 9

**Kundizzjonijiet skont liema l-aċċess irid ikun permess**

1. Il-Partijiet għandhom jaqblu fuq id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom li jirriżultaw mill-aċċess mogħti, inkluża l-liġi applikabbli li tirregola r-relazzjonijiet tagħhom. It-termini tal-ftehim tal-aċċess għandhom:

- (a) ikunu definiti b'mod ċar, trasparenti, validi u infurzabbli;
- (b) meta żewġ CCPs jew aktar li jkollhom aċċess għaċ-ċentru tan-negozjar jispeċifikaw il-mod li bih it-tranżazzjonijiet f'dak iċ-ċentru tan-negozjar ikunu se jiġu allokat li lis-CCP li tkun parti għall-ftehim;
- (c) ikun fihom regoli ċari dwar il-mument tad-dħul tal-ordnijiet tat-trasferiment, kif deskritt skont id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(2)</sup>, f'sistemi rilevanti u l-mument tal-irrevokabilità;
- (d) ikun fihom regoli dwar it-terminazzjoni tal-kuntratt ta' aċċess minn kull waħda mill-partijiet, li għandhom:
  - (i) jipprovi għal terminazzjoni b'mod ordnat li ma tesponix bla bżonn lil entitajiet oħra għal riskji addizzjonali, inklużi arranġamenti ċari u trasparenti għall-immaniġġar u l-likwidazzjoni ordnata ta' kuntratti u pożizzjonijiet li kienu saru skont il-ftehim ta' aċċess li kienu miftuħa fil-punt tat-terminazzjoni;

<sup>(1)</sup> Id-Direttiva 2014/65/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Mejju 2014 dwar is-swieq fl-istrumenti finanzjarji u li temenda d-Direttiva 2002/92/KE u d-Direttiva 2011/61/UE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 349).

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva 98/26/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Mejju 1998 dwar finalità ta' settlement fis-sistemi ta' settlement ta' pagamenti u titoli (ĠU L 166, 11.6.1998, p. 45).

- (ii) jiżguraw li l-parti rilevanti tingħata żmien raġonevoli biex tirrimedja kull ksar li ma jwassalx għal terminazzjoni immedjata;
  - (iii) jippermettu t-terminazzjoni, jekk ir-riskji jiżdiedu b'mod li kien jiġġustifika ċ-ċaħda tal-aċċess fl-ewwel istanza;
- (e) jispeċifikaw l-istrumenti finanzjarji li jkunu soġġetti għall-ftehim ta' aċċess;
  - (f) jispeċifikaw il-kopertura tal-ispejjeż ta' darba u dawk rikorrenti kkawżati mit-talba għall-aċċess;
  - (g) jinkludu dispożizzjonijiet għal pretensjonijiet u obligazzjonijiet li jirriżultaw mill-ftehim ta' aċċess.
2. It-termini tal-ftehim ta' aċċess għandhom jirrikjedu li l-partijiet għall-ftehim jistabbilixxu politiki, proċeduri u sistemi xierqa sabiex jiżguraw dan li ġej:
- (a) komunikazzjoni f'waqtha, affidabbli u sikura bejn il-partijiet;
  - (b) konsultazzjoni minn qabel tal-parti l-oħra fejn bidliet għall-operazzjonijiet ta' parti jew oħra x'aktarx ikun se jkollhom impatt materjali fuq il-ftehim ta' aċċess jew fuq ir-riskji li l-parti l-oħra tkun esposta għalihom;
  - (c) in-notifika f'waqtha lill-parti l-oħra qabel ma tiġi implimentata xi bidla, fil-każijiet mhux koperti mill-punt (b);
  - (d) riżoluzzjoni tat-tilwim;
  - (e) l-identifikazzjoni, il-monitoraġġ u l-immaniġġar tar-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-ftehim ta' aċċess;
  - (f) il-wasla għand iċ-ċentru tan-negozjar tal-informazzjoni kollha meħtieġa biex iwettaq l-obbligi tiegħu fir-rigward tal-monitoraġġ ta' interessi miftuħa;
  - (g) aċċettazzjoni mis-CCP tal-kunsinna ta' komoditajiet saldati fiżikament.
3. Il-partijiet rilevanti tal-ftehim ta' aċċess għandhom jiżguraw dan li ġej:
- (a) li jinżammu standards xierqa ta' mmaniġġar tar-riskju meta jingħata aċċess;
  - (b) li l-informazzjoni pprovduta fit-talba għal aċċess tinżamm aġġornata matul iż-żmien kollu tal-ftehim ta' aċċess, inkluż informazzjoni dwar bidliet materjali;
  - (c) li l-informazzjoni mhux pubblika u dik kummerċjalment sensittiva inkluża l-informazzjoni pprovduta waqt il-fażi ta' żvilupp ta' strument finanzjarju tkun tista' tintuża biss għall-għan speċifiku li għalih tkun ingħatat u li tkun tista' tittieħed azzjoni dwarha biss għall-iskop speċifiku li jkun hemm qbil dwaru mill-Partijiet.

#### Artikolu 10

#### **Tariffi ta' kkljar trasparenti u mhux diskriminatorji miżmuma mis-CCPs**

1. CCP għandha żżomm tariffi biss għall-ikklerjar ta' tranżazzjonijiet imwettqa f'ċentru tan-negozjar li lillu tkun tat aċċess fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, applikabbli għall-membri tal-ikklerjar kollha u, fejn ikun rilevanti, għall-klijenti. Għal dan l-għan, CCP għandha tagħmel lill-membri kollha tal-ikklerjar u, fejn ikun rilevanti, lill-klijenti suġġetti għall-istess skeda ta' tariffi u rifużjonijiet u t-tariffi tagħha ma għandhomx jiddependu fuq iċ-ċentru ta' negozjar fejn isseħħ it-tranżazzjoni.
2. CCP għandha żżomm tariffi lil ċentru tan-negozjar fir-rigward ta' aċċess biss fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi. Għal dan l-għan, l-istess tariffi u rifużjonijiet għandhom japplikaw għaċ-ċentri kollha ta' negozjar li jaċċessaw is-CCP fir-rigward tal-istess strumenti finanzjarji jew strumenti finanzjarji simili, sakemm ma jkunx hemm skeda tariffarja differenti li tkun tista' tiġi ġġustifikata oġġettivament.
3. Skont l-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, CCP għandha tiżgura li l-iskedi tariffarji msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jkunu faċilment aċċessibbli, identifikati b'mod adegwat skont kull servizz pprovdut u granulari biżżejjed biex jiġi żgurat li t-tariffi imposti jkunu prevedibbli.

4. Il-paragrafi 1 sa 3 għandhom japplikaw għal tariffi imposti biex ikopru l-ispejjeż ta' darba u rikorrenti.

#### Artikolu 11

### Tariffi trasparenti u mhux diskriminatorji imposti minn ċentri tan-negozjar

1. Ċentru tan-negozjar għandu jimponi tariffi fir-rigward ta' aċċess biss fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi. Għal dan l-għan, l-istess skeda ta' tariffi u rifiżjonijiet għandha tapplika għas-CCPs kollha li jaċċessaw iċ-ċentru tan-negozjar fir-rigward tal-istess strumenti finanzjarji jew strumenti finanzjarji simili, sakemm ma jkunx hemm skeda tariffarja differenti li tkun tista' tiġi ġġustifikata oġġettivament.
2. Ċentru tan-negozjar għandu jiżgura li l-iskedi tariffarji msemmija fil-paragrafu 1 ikunu faċilment aċċessibbli, u li t-tariffi jkunu identifikati b'mod adegwat għal kull servizz ipprovdut filwaqt li jkunu granulari biżżejjed biex jiġi żgurat li t-tariffi li jirriżultaw ikunu prevedibbli.
3. Il-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw għat-tariffi kollha relatati mal-aċċess, inklużi dawk li jitħallsu biex ikopru spejjeż ta' darba u rikorrenti.

#### KAPITOLU III

### KUNDIZZJONIJIET GĦAT-TRATTAMENT MHUX DISKRIMINATORJU TAL-KUNTRATTI

#### Artikolu 12

### Rekwiżiti ta' kollateral u marġinali tal-kuntratti ekonomikament ekwivalenti

1. Is-CCP għandha tiddetermina jekk kuntratti nnegozjati f'ċentru tan-negozjar li tkun ingħatat aċċess għalih ikunux ekonomikament ekwivalenti għal kuntratti b'karatteristiċi tar-riskju simili li diġà jkunu kklerjati mis-CCP.
2. Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, CCP għandha tqis kull kuntratt innegozjat fiċ-ċentru tan-negozjar li lilu tkun tat aċċess, li jkun fil-klassi tal-istrumenti finanzjarji koperti mill-awtorizzazzjoni tas-CCP msemmija fl-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012, jew minn kull estensjoni sussegwenti ta' awtorizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 15 ta' dak ir-Regolament, bħala ekonomikament ekwivalenti għall-kuntratti fil-klassi rispettiva tal-istrumenti finanzjarji li diġà huma kklerjati mis-CCP.
3. CCP tista' tikkunsidra kuntratt innegozjat fiċ-ċentru tan-negozjar li lilu tkun tat l-aċċess, li jippreżenta profil ta' riskju ferm differenti jew differenzi materjali mill-kuntratti li diġà huma kklerjati mis-CCP fil-klassi rispettiva ta' strumenti finanzjarji, bħala mhux ekonomikament ekwivalenti meta s-CCP kienet kisbet estensjoni tal-awtorizzazzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 fir-rigward ta' dak il-kuntratt u f'konnessjoni mat-talba għall-aċċess ta' dak iċ-ċentru tan-negozjar.
4. CCP għandha tapplika għall-kuntratti ekonomikament ekwivalenti msemmija fil-paragrafu 1, l-istess metodoloġiji tal-marġini u l-kollateral, irrispettivament minn fejn il-kuntratti jkunu negozjati. CCP għandha tissuġġetta l-ikklerjar ta' kuntratti ekonomikament ekwivalenti msemmija fil-paragrafu 1 għall-adozzjoni ta' bidliet fil-mudelli u l-parametri tar-riskju tas-CCP, biss jekk dan ikun meħtieġ sabiex jiġu mitigati l-fatturi ta' riskju fir-rigward ta' dak iċ-ċentru tan-negozjar jew il-kuntratti nnegozjati fih. Dawn il-bidliet għandhom jitqiesu bħala bidliet sinifikanti għall-mudelli u l-parametri tas-CCP msemmija fl-Artikoli 28 u 49 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

#### Artikolu 13

### Innettjar ta' kuntratti ekonomikament ekwivalenti

1. CCP għandha tapplika għall-kuntratti ekonomikament ekwivalenti msemmija fl-Artikolu 12(1) ta' dan ir-Regolament l-istess proċeduri ta' nnettjar irrispettivament minn fejn il-kuntratti jkunu ġew innegozjati, sakemm kull proċedura ta' nnettjar li tapplika tkun valida u eżegwibbli skont id-Direttiva 98/26/KE u l-liġi tal-insolvenza applikabbli.

2. CCP li tqis li r-riskju ġuridiku jew ir-riskju ta' bażi relatati ma' proċedura ta' nnettjar li tapplika għal kuntratt ekonomikament ekwivalenti ma jkunux mitigati biżżejjed, għandha tissuġġetta l-ikklerjar ta' tali kuntratt għall-adozzjoni ta' bidliet għal dik il-proċedura ta' nnettjar li jeskludu l-innettjar ta' tali kuntratt. Dawn il-bidliet għandhom jitqiesu bħala bidliet sinifikanti għall-mudelli u l-parametri tar-riskju tas-CCP msemmija fl-Artikoli 28 u 49 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012.

3. Għall-fini tal-paragrafu 2, "riskju ta' bażi" tfisser ir-riskju li jirriżulta minn movimenti mhux perfettament korrelatati bejn żewġ assi jew kuntratti jew aktar ikklerjati mis-CCP.

#### Artikolu 14

### **Proviżjonament ta' marġni trażversali ta' kuntratti korrelatati kklerjati mill-istess CCP**

Meta CCP tikkalkula marġni fir-rigward ta' proviżjonament ta' marġni trażversali ta' kuntratti korrelatati kklerjati mill-istess CCP (proviżjonament ta' marġni ta' portafoll) skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 u l-Artikolu 27 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013<sup>(1)</sup>, is-CCP għandha tapplika l-approċċ tal-proviżjonament ta' marġni ta' portafoll tagħha għall-kuntratti korrelatati rilevanti kollha irrispettivament minn fejn il-kuntratti huma nnegozjati. Kuntratti b'korrelazzjoni sinifikanti u affidabbli, jew parametru statistiku ekwivalenti ta' dipendenza, għandhom jibbenefikaw mill-istess kumpens jew tnaqqis.

#### KAPITOLU IV

### **ARRANĠAMENTI TRANŻIZZJONALI U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI**

#### Artikolu 15

### **Proċedura ta' notifika mis-CCP lill-awtorità kompetenti tagħha**

Meta CCP tapplika għal permess biex tuża l-arranġamenti tranżizzjonali msemmija fl-Artikolu 35(5) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, hija għandha tissottometti notifika lill-awtorità kompetenti tagħha bil-miktub, permezz tal-Formola 1 kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 16

### **Proċedura ta' notifika mill-awtorità kompetenti lill-ESMA u lill-kulleġġ tas-CCP**

L-awtoritajiet kompetenti rilevanti għandhom jinnotifikaw lill-ESMA u lill-kulleġġ tas-CCP b'kull deċiżjoni li tapprova ftehim tranżizzjonali skont l-Artikolu 35(5) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 bil-miktub mingħajr dewmien żejjed u mhux aktar tard minn xahar wara d-deċiżjoni, bl-użu tal-Formola 2 kif stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 17

### **Proċedura ta' notifika miċ-ċentru tan-negozjar lill-awtorità kompetenti tagħha fir-rigward tal-perjodu tranżizzjonali inizjali**

Meta ċentru tan-negozjar ma jkunx jixtieq ikun marbut mill-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, huwa għandu jissottometti notifika lill-awtorità kompetenti tiegħu u lill-ESMA bil-miktub, bl-użu tal-Formoli 3.1 u 3.2 stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 18

### **Proċedura ta' notifika miċ-ċentru tan-negozjar lill-awtorità kompetenti tiegħu fir-rigward ta' estensjoni tal-perjodu tranżizzjonali inizjali**

Meta ċentru tan-negozjar ikun jixtieq ikompli ma jkunx marbut mill-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, għal tletin xahar ulterjuri huwa għandu jissottometti notifika lill-awtorità kompetenti tiegħu u lill-ESMA bil-miktub, bl-użu tal-Formoli 4.1 u 4.2 stabbiliti fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 153/2013 tad-19 ta' Diċembru 2012 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti għall-kontropartijiet ċentrali (ĠU L 52, 23.2.2013, p. 41).



*Artikolu 19***Aktar speċifikazzjonijiet għall-kalkolu tal-ammont nozzjonali**

1. Skont l-Artikolu 36(5) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, ċentru tan-negozjar li ma jixtieqx ikun marbut mill-Artikolu 36 ta' dak ir-Regolament għal perjodu ta' tletin xahar mid-data tal-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għandu jinkludi fil-kalkolu tiegħu tal-ammont nozzjonali annwali tiegħu t-tranżazzjonijiet kollha f'derivattivi nnegozjati fil-borża konklużi fis-sena kalendarja ta' qabel l-applikazzjoni skont ir-regoli tagħha.
2. Għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont nozzjonali annwali tiegħu skont l-Artikolu 36(5) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għas-sena ta' qabel is-sena tal-bidu tal-applikazzjoni, ċentru tan-negozjar għandu juża ċifri attwali għall-perjodu li għalih ikunu disponibbli.

Fejn, fir-rigward tas-sena li tiġi qabel is-sena tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, ċentru tan-negozjar ikollu dejta disponibbli għal inqas minn 12-il xahar, huwa għandu jipproduċi ċifra stmata għal dik is-sena bl-użu ta' dawn it-tliet inputs:

- (a) id-dejta attwali għall-itwal perjodu possibbli li jibda fil-bidu tas-sena li tiġi qabel is-sena tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, inklużi mill-inqas l-ewwel tmien xhur;
- (b) id-dejta attwali għall-perjodu ekwivalenti matul is-sena qabel is-sena msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu;
- (c) id-dejta attwali għas-sena kollha ta' qabel is-sena msemmija fil-punt (a) ta' dan il-paragrafu;

L-istima tal-ammont nozzjonali annwali għandha tiġi kkalkulata permezz tal-multiplikazzjoni tal-inputs imsemmija fil-punt (a) tat-tieni subparagrafu bl-inputs imsemmija fil-punt (c) tat-tieni subparagrafu u permezz tad-diviżjoni tagħhom bl-inputs imsemmija fil-punt (b) tat-tieni subparagrafu.

3. Meta ċentru tan-negozjar ikun jixtieq ikompli ma jkunx marbut bl-Artikolu 36 tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 għal perjodu ieħor ta' tletin xahar fi tmiem l-ewwel perjodu ta' tletin xahar, jew xi perjodu sussegwenti ta' 30 xahar, huwa għandu jinkludi fil-kalkolu tiegħu tal-ammont nozzjonali annwali tiegħu skont l-Artikolu 36(5) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014 it-tranżazzjonijiet kollha f'derivattivi nnegozjati fil-borża konklużi skont ir-regoli tiegħu f'kull waħda mill-ewwel perjodi ta' 24 xahar tal-perjodu preċedenti ta' tletin xahar.
4. Fejn jeżistu alternattivi aċċettabbli għall-kalkolu tal-ammont nozzjonali annwali għal ċerti tipi ta' strumenti, iżda hemm differenzi notevoli fil-valuri li għalihom iwasslu dawn il-metodi ta' kalkolu, għandu jintuża l-kalkolu li jagħti l-ogħla valur. B'mod partikolari għad-derivattivi, bħall-futures jew l-opzjonijiet, inklużi t-tipi kollha ta' derivattivi tal-komoditajiet li huma indikati f'unitajiet, l-ammont nozzjonali annwali jkun il-valur sħiħ tal-assi sottostanti tad-derivattiv bil-prezz rilevanti fil-ħin li fih tiġi konkluża t-tranżazzjoni.

*Artikolu 20***Metodu tal-approvazzjoni u l-verifika mill-ESMA**

1. Għall-finijiet ta' verifika skont l-Artikolu 36(6)(d) tar-Regolament (UE) Nru 600/2014, iċ-ċentru tan-negozjar għandu jissottometti lill-ESMA fuq talba l-fatti u ċ-ċifri kollha li fuqhom huwa bbażat il-kalkolu.
2. Meta tkun qed tivverifika ċ-ċifri ppreżentati tal-ammont nozzjonali annwali, l-ESMA għandha tikkunsidra wkoll id-dejta ta' wara n-negozjar u l-istatistika annwali rilevanti.
3. L-ESMA għandha tapprova jew tirrifjuta d-deroga fi żmien tliet xhur minn meta tirċievi l-informazzjoni kollha rilevanti għan-notifika skont l-Artikolu 16 jew skont l-Artikolu 17, inkluża l-informazzjoni speċifikata fl-Artikolu 19.

*Artikolu 21***Dħul fis-seħħ u applikazzjoni**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan japplika mit-3 ta' Jannar 2018.

Madankollu, l-Artikoli 15, 16, 17, 19 u 20 japplikaw mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, l-24 ta' Ġunju 2016.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

Jean-Claude JUNCKER

---

## ANNEX

## Formola 1

## Notifika msemija fl-Artikolu 15

Isem is-CCP	Detalji ta' kuntatt rilevanti	Isem (ismijiet) taċ-ċentru/i tan-negożjar konnessi b'rabtiet mill-qrib	Ġuriżdzizzjoni(jiet) taċ-ċentru/i tan-negożjar konnessi b'rabtiet mill-qrib
		1. 2. 3. ...	1. 2. 3. ...

## Formola 2

## Notifika msemija fl-Artikolu 16

Isem is-CCP	Detalji ta' kuntatt rilevanti	Data tad-deċiżjoni tal-approvazzjoni	Dati tal-bidu u t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni	Isem (ismijiet) taċ-ċentru/i tan-negożjar konnessi b'rabtiet mill-qrib	Ġuriżdzizzjoni(jiet) taċ-ċentru/i tan-negożjar konnessi b'rabtiet mill-qrib
			Bidu: Tmiem:	1. 2. 3. ...	1. 2. 3. ...

## Formola 3.1

## Notifika ġenerali msemija fl-Artikolu 17

Isem iċ-ċentru tan-negożjar	Detalji ta' kuntatt rilevanti	Isem (ismijiet) u ġuriżdzizzjoni (jiet) taċ-ċentri tan-negożjar fl-istess grupp ibbażati fl-Unjoni	Isem (ismijiet) u ġuriżdzizzjoni (jiet) tas-CCP(s) konness(i) b'rabtiet mill-qrib
		1. 2. 3. ...	1. 2. 3. ...

## Formola 3.2

## Notifika tal-ammont nozzjonali msemmi fl-Artikolu 17

Ċentru tan-Negożjar:	Ammont nozzjonali nnegożjat fl-2016
Klassi tal-assi X:	
Klassi tal-assi Y:	
Klassi tal-assi Z:	
...	

## Formola 4.1

**Notifika ġenerali msemija fl-Artikolu 18**

Isem iċ-ċentru tan-negozjar	Dettalji ta' kuntatt rilevanti	Isem (ismijiet) u ġurisdizzjoni (jiet) taċ-ċentri tan-negozjar fl-istess grupp ibbażati fl-Unjoni	Isem (ismijiet) u ġurisdizzjoni (jiet) tas-CCP(s) konness(i) b'rabtiet mill-qrib
		1. 2. 3. ...	1. 2. 3. ...

## Formola 4.2

**Notifika tal-ammont nozzjonali msemmi fl-Artikolu 18**

Isem iċ-ċentru tan-negozjar:	Ammont nozzjonali għas-sena kurrenti ...	Ammont nozzjonali għas-sena kurrenti ...
Klassi tal-assi X:		
Klassi tal-assi Y:		
Klassi tal-assi Z:		
...		